**XVIII**

na tiegħi kien imnissel mill-injuranza u issa qed nif-
hem kemm hu tajjeb tkun ħmar fid-dinja.
L-aktar jekk tkun ħmar b'żewġ riġlejn biss.

ĠINO : Ara, ħallina miċ-ċajt! Int mhux biss brikkun imma

GIRGOR : wkoll ħalliel għax b'dal-misħut sistema tiegħek mhux biss sraqtli l-hena u l-kwiet tiegħi imma se teħodli wkoll lil binti. Mhux tassew? Mhux hekk? Veru jew mhux veru? Għid xi ħaġa!... Weġibni! U neħħi minn fuq xofftejk dik it-tbissima ta' tmelliħ li qiegħda taqsamli qalbi. Meta ġejt ftit ilu biex tagħmel miegħi l-imħatra... il-patt... kont qisek tellerita u issa immutajt għal kollox. Arawh, arawh ftit! Donnu Don Bartolo fil-Barbier ta' Sivilja! Tkellem... se tibqa' skantat donnok statwa tal-melħ, ammetti li rvinatni...

ĠINO : Qed inħallik tisfoga, dalwaqt igħaddilek u tarġa' ssir il-bniedem li kont qabel.

GIRGOR : Igħaddili?!... Jien bniedem irvinat għal għomri. (*Idur fuq bintu*) Jien bniedem irvinat, mhux hekk?

EMMA : U le, papà!

GIRGOR : Iva, irvinat!

ĠINO : U le, la teħodhomx hekk l-affarijiet. Anzi jmissek tkun kuntent li dalwaqt issir nannu u meta n-nepputijiet, bil-moħbi tiegħek jagħmlulek xi ħaġa malajr tkun tista' taqbadhom f'għamilhom billi tgħidilhom kelmtejn biss.

GIRGOR : U ħallini minnek int ukoll! Kif nista' naqbadhom b'kelmtejn biss? X'inhuma dawn il-kelmtejn misterjużi?

ILKOLL : (*minbarra Girgor*) Kif, ma tafx?!... (*Isiru serji, iħaxxnu leħenhom*) Naf b'kollox!

GIRGOR : Ih! x'jien ħmar. Ġa kont insejt (*jidħak bil-qalb u jieħu b'idejn Ġino*).

S I P A R J U.

---



## LIT-TABIB ĠUŻÈ GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.,

*Ta'* VINCENT UNGARO

*Fil-jum li lilu ngħatat il-Medalja tad-Deheb*
*"Ġużè Muscat Azzopardi"*

Iħobb lil Malta daqs il-kobor tagħha,
Ma ċaħad qatt Lsien misserijietna;
Daħal ma' l-"Għaqda", baqa' jaħdem magħha
U għadu jsus sal-lum għal jeddijietna.
Mal-Gvern tabib ħabriek f'Qasam is-Saħħa.
Hu Rumanzier mill-kbar ta' żmenijietna:
Iħobb liż-żgħir u l-kbir; kelma jismagħha
Minn għand kulħadd. Magħruf ġo gżirijietna.
Illum il-frott fejjied tal-kitba tiegħu
Ituq bii-benna ta' Lsien Art Maltija
U jgħaxxaq lil kulħadd bil-ġmiel u l-ħlewwa.
Qiegħed narak illum titwaħħad miegħu —
(*) Ħabibek, Qormi wkoll — b'qalbek mimlija
Li bħalu rbaħt ukoll l-għadu ta' ġewwa.

14. xi. 49.

---

## IL-GĦOLLIQ

*Ta'* A. BUTTIGIEG

*Lil Ġużè Galea li kien miegħi*
*meta doqt il-frott tiegħu għall-*
*ewwel darba, l-Imtaħleb.*

Meta tqassam il-ġid u l-ġmiel tal-ħajja
il-Għolliq messu t-tajjeb u l-ħażin:
għax tawh li jkun selvaġġ u jgħix fix-xagħri,
u friegħi kollha jaqbdu w niggeżin;

'Mma messu weraq ħelu bħal tal-warda
ta' Mejju w boċoċ żgħar u sewdenin
bħal dawk tat-tut u ċ-ċawsri, kollha benna,
u ħafna tfal max-xitel imdendlin.

27. 12. 49.

(*) Is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi li għalih il-medalja tad-deheb hija msemmija.